Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 21411111 Fax No. 21411414

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali H'Attard

## Laqgħa Nru. 16/2016

Data: 5 ta' Lulju 2016

Hin: 5.30 ta' filghaxija

Post: Sala tal-Bini tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Stefan Cordina*** | *Sindku* |
| | ***Mark Anthony Spiteri*** | *Viċi Sindku* |
| | ***Marisa Abela*** | *Kunsillier* |
| | ***Raymond Azzopardi*** | *Kunsillier* |
| | ***Ralph Cassar*** | *Kunsillier* |
| | ***John Debono*** | *Kunsillier* |
| | ***Connie Scerri*** | *Kunsillier* |
| | ***Alfred Zammit*** | *Kunsillier* |
| | ***Marica Mifsud*** | *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | ***Alex Mangion*** | *Kunsillier* |
| Assenti: | | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti Mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. *Tender Urban Greening Project*;
6. *Malta Marathon 10K Races Agreement*;
7. *Management Letter* u Risposta tas-Sindku 2015
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Affarijiet Ohra;
10. Aġġornament

**Minuti - 16/2016**

Kulhadd kien prezenti u fil-hin barra s-Sur MS li dahal tard u s-Sur AM li ma setghax jattendi u bghat nota.

Is-Sindku  bghat il-kondoljanzi lis-Sur Alex Mangion ghan-nom ta' kulhadd f'dan il-waqt ta' dieqa

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Approvati

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma kienx hemm punti mqajjma hlief li s-Sur RC talab li jigi diskuss l-*amended agreement* tal-MMOC.

# 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lil kulhadd li waqt il-Laqgha annwali tar-Regjun kellu okkazjoni jintervjeni u fost affarijiet ohra semma li l-Kunsilli Lokali mhumiex stmati bizzejjed, li qishom ghandhom *rubber stamp* fuqhom li huma l-faktotum ta' kollox, li hemm nuqqas t'awtonomija u naturalment kulhadd kuntent meta l-maggoranza lanqas ghandhom ideja x'inhi l-funzjoni ta' Kunsilli Lokali. Qal li d-Dipartiment ghandu Direttur gdid is-Sur Adrian Mifsud.

**3.2** Sistema tat-traffiku, direzzjoni wahda Linja u Ghenba: is-Sindku qal li s-sistema ta' traffiku issa ilha gimghatejn u jidher li qed tiffunzjona tajjeb bl-eccezzjoni ta' Triq il-Linja hdejn l-M4 li qed jikkongestja naqra. Qal li ha jsejjah lil Perit *on site* u fejn hemm nuqqasijiet zghar jitrangaw. Is-Sur Cassar qal li jinsab sodisfatt bis-sistema u li din hadmet sew.  Ovvjament qal li t-traffiku hu dak li hu u wiehed ma jistax jippretendi li t-traffiku ha jonqos imma li jkun iktar organizzat u jimxi dejjem ahjar.

Is-Sur SC qal li is-Sinjura MM kienet ilha tlett gimghat li tablet ghall-Gwardjani u ma nghatatx risposta.  F'xi granet kellhom anka jitqabbdu *security*. Kompla jghid li TM ittik zmien ta' prova u li dan kollu kien telf ta' hin. Is-Sur RC issuggerixxa li galadarba Triq Ganni Portelli saret direzzjoni wahda l-isfel tista' titwessa' l-bankina u jinzerghu xi sigar it-tul tat-triq. Hu ssuggerixxa li temporanjament jsiru barriers ikkuluriti biex is-sewwieqa jigu ddiskurragguti milli jiksru fil-*one way*. Is-Sur SC qal li s-sewwieqa huma obbligati jsegwu t-tabelli minghajr hafna iktar zieda f'tabelli u sinjali. Is-Sur RC qal ukoll li kien hemm bosta diskussjonijiet fuq is-Social Media imma fuq kollox ir-rizultat kien

wiehed pozittiv. Is-Sur SC qal li l-iktar impatt positiv fuq il-*flow* tt-traffiku kien dak ta' Triq l-Ghenba.

**3.3** Ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill li wara xahrejn problemi bil-gbir ta' haxix, li gew rizolti temporanjament permezz tal-gbir bil-*Bulk Refuse* u wara li gie ccirkulat leaflet fuq arrangament sabiex jibda jsir gbir ta' haxix kull nhar ta' Sibt, bi pjacir habbar li dan se jibda jingabar bit-twin pack issa li z-zewg trakkijiet bdew joperaw f'daqqa bl-ispiza mposta fuq il-Kunsill bla bzonn tigi ferm ridotta ghall-ispiza ghar-rimi fis-siti biss.

## 4. Korrispondenza

**4.1** Kwotazzjoni Bandiera gdida tal-Kunsill…il-prezz kwotat hu ta' € 270 eskluz il-moll tad-disinn. Din il-kwotazzjoni giet accettata.

**4.2** Is-Sur Marco Spiteri dahal f'dan il-mument.

E-mail minghand Kummissjoni Festa rigward spiza ta' gwardjani ghall-eghluq ta' Triq Haz-Zebbug fil-granet li jinharaq in-nar tal-art. Is-SE qalet li l-ispiza m'ghandhiex teccedi it-€ 300. L-ispiza giet approvata.

**4.3** Kont tal-Fondazzjoni Majjistral ghas-snin 2014-2020 li jammonta ghall-€4500 sabiex il-Kunsill jaghmel parti minn din il-fondazzjoni u jkun jista' jibbenefika minn fondi tal-EU. Is-SE qalet li apparti li l-kont jghajjat is-sentejn ta' qabel, l-ispiza ma kienetx mahsuba u ghalhekk mhux ha taghmel tajjeb ghall-bilanci pozittivi li l-Kunsill qed jistenna din is-sena. Is-Sur MS qal li wara kollox qatt ma bbenefikaw minn xejn hlief ftit fondi taht Mizura 125. Issuggerixxa li l-Kunsill ikellem lis-Sinjura Joan Haber li taghmel parti minn din il-fondazzjoni. Is-Sur JD zied ukoll li l-Kunsill ghandu l-EU Consultant. Gie deciz li ghalissa dan il-kont jigi njorat u tintbaghat korrispondenza lill-MAGF.

## 5. *Tender Urban Greening Project*

**5.1** Is-Sur JD qal li sar ezercizzju biex titnaqqas l-ispiza li fih kellhom jitnaqqsu ammont konsiderevoli ta' pots, ghalkemm sostna hu l-Parks Department ghamlu enfasi li l-iktar li ghandu jikkoncentra fuqhom huma l-pots. Min-naha l-ohra qal is-Sur RC il-konok huma iktar *longterm*. Is-Sur JD nforma l-Kunsill li hu, s-Sinjura CS u s-SE sejrin laqgha mal-ELC forsi jgibu prezz ahjar ghall-pots u jkun xorta jista' jsir l-ammont originali.

## 6. *Malta Marathon 10K Races Agreement*

**6.1** Is-SE qalet li rceviet l-emendi ghall-*agreement* minghand l-Avukat u filwaqt li dawn inqraw lill-Kunsill, wara diskussjoni gew accettati minbarra l-kwistjoni kuntratt definit li s-Sur MS qal li difficli li dan jigi accettat mill-Malta Marathon. Qal ukoll li fil-kwistjoni tat-terminazzjoni miz-zewg nahat dan jista' johloq dizgwidi u wiehed irid jahseb li ma jistax jiehu decizjonijiet fit-tul li jistghu jaffettwaw l-Kunsill iehor wara t-terminu taghhom. Il-kuntratt ghandu jigi ffirmat fi zmien qasir.

## 7. *Management Letter* u Risposta tas-Sindku

**7.1** Is-SE qrat il-*Management Letter* kollha kif ukoll ir-risposta li thejjiet. Il-kontenut tar-risposta tas-Sindku gie maqbul kollu bl-eccezzjoni ta' spjegazzjoni zghira li fl-opinjoni tas-Sur MS riedet tigi worded ahjar rigwardandi l-Accrual based system. Din inbidlet u giet approvata u ffirmata.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**8.1** Il-pagamenti gew approvati wara li s-Sur Alfred Zammit gibed l-attenzjoni li l-pagi huma iktar gholjin mix-xahar ta' qabel. Is-SE qalet li l-pagi huma kollha €120 izjed jew iktar minhabba li f'Gunju jinghata l-bonus lill-haddiema ekwivalenti ghall-€135.10. Saqsa wkoll ghala s-Sindku ha € 600 iktar? Is-Sur SC qal li darbtejn fis-sena hu jinghata allowance addizzjonali ta' € 800 li minnha titnaqqas it-taxxa.

## 9. Affarijiet Ohra

**9.1** Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq il-hajt ta' Triq il-Wied ta' Rmiedi.

**9.2** Is-Sinjura Connie Scerri ressqet dawn il-punti:

- Qalet li xtaqet terga' tattendi kors l-Universita' relatat mal-bdil fil-klima u li dan il-kors jiswa €180. Din l-ispiza giet approvata.
- Talbet li tigi approvata spiza ghall-uzu ta' trasport ghall-attivita' tat-tfal tas-Summer School tal-Parrocca. Din l-ispiza giet approvata.

**9.3** Is-Sur Joe Debono ressaq dawn il-punti:

- Talab biex jigi verifikat skart li qed jintefa ftit 'l fuq mill-Kitchen Garden. Is-Sur MS qal li anka skart qed jinharaq meta kompla s-Sur Zammit t-trakk jghaddi kuljum u kulhadd hu moqdi.

**9.4** Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill gebel li qed jintefa' minn zghazagh fiz-zona Indutrijali ta' H'Attard u saqsa x'kien sar fuq dak il-progett ta' sigar sabiex jitghatta l-hajt taz-zona ndustrijali. Is-Sindku qal li kienu nzerghu xi sigar fuq gewwa imma ma sar xejn iktar.
- Li ghandu talba sabiex tigi xxiftjata lampa u li ghandu jibghat id-dettalji lis-SE.

**9.5** Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Rega fakkar fuq it-tappiera perikoluza fi Triq l-Imdina quddiem Pit Stop. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din ga giet irrapurtata.
- Gibed l-attenzjoni fuq arblu perikoluz fi Triq ta' Qassati. Dan ukoll ga jinsab irrapurtat.

**9.6** Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Talab li jigi kkunsidrat li jsiru *one-way* Triq Tumas Chetcuti u Triq il-Hafur. Dan l-item ghandu jigi diskuss.
- Qal li hemm applikazzjoni sabiex issir pompa tal-petrol ohra fi Triq l-Imdina flok dak li kien se jsir Cimiterju.
- Saqsa kif baqghu fuq il-Latrini Pubblici. Is-SE qalet li kienet qed tistenna minghand Nexia BT rigward studju li kellhom jaghmlu qabel dawn jghaddu lura f'idejn il-Gvern.
- Saqsa fuq l-Ufficcini. Is-Sindku qal li qed jistennew minghand is-Seg. Parlamentari ghax waslet biex tohrog ligi gdida fuq il-*Leasing* ta' propjetajiet ta' NGO.

## 10. Aġġornament.

**10.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgha, 3 t'Awissu fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Stefan Cordina*** | ***Marica Mifsud*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 3 t' Awissu 2016